MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 146/2014

**A B**

**vs**

**C D,**

**Direttur tar-Registru Pubbliku, u**

**permezz ta' digriet datat 16 ta' Settembru 2014 l-Avukat Patrick Valentino**

**u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno gew nominati kuraturi deputati**

**sabiex jirraprezentaw lill-minuri E Lee B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti u C D, mhumiex mizzewgin, u kellhom relazzjoni intima;

2. Illi minn din ir-relazzjoni, twieled E Lee B, fis-17 ta' Dicernbru 2013, u gie registrat fl-att tat-twelid, bl-isem u l-kunjom ta' E Lee B, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid, u kif jirrizulta mill-istess certifikat, il-missier mhux maghruf;

3. Illi il-missier bijologiku tal-minuri E Lee B huwa l-intimat C D;

4. Illi ghalkemm l-intimat C D huwa l-missier bijologiku tal-minuri E Lee B, l-imsemmi minuri gie registrat fic-certifikati tat-twelid bhala "unknown father";

5. Illi l-esponenti giet ammessa ghall-benificcju tal-ghajnuna legali.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti , ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-minuri E Lee B huwa iben C D.

2. Tordna illi c-certifikati tat-twelied ta' l-imsemmija minuri jigu ammendati, fis-sens illi jigu mnehhija l-kliem "Unknown father" mic-certikati tat-twelid tal-minuri, u minflok jitnizzel isem l-intimat C D bhala l-missier tal-minuri, u kif ukoll, jigi mizjud, kull fejn jehtieg, referenza ghall-intimat, senjament izda mhux biss, ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier l-intirnat u jekk l-istess missier tal-intimat huwiex haj jew mejjet, l-eta' ta' l-intimat, u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghall-intimat u li jidhru mal-atti tat-twelid citati.

3. Tordna lill-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku illi jaghmel dawk il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet kollha relattivi u necessarji sabiex l-isem u l-kunjom tal-imsemmi minuri jigi jaqra E Lee D B. U dana taht kull provediment li din l-Onor. Qorti jidrilha xieraq u opportun.

U dana taht kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C D li taqra kif gej:-

1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti trid tipprova li l-iben E Lee B huwa fil-fatt il-wild naturali ta' l-esponenti u dan ghandu jsir tramite testijiet appoziti li l-esponent lest li jissoggetta ruhu ghalihom.

2. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponent m'ghandhux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri ghaliex ma giex interpellat formalment qabel mar-rikorrenti pprocediet b'din il-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

B'digriet tat-8 ta' Ottubru 2014 il-Qorti nnominat lil Dr Marisa B sabiex tikkonduci testijiet tad-DNA wara li tippreleva kampnjuni minn fuq l-attrici, il-konvenut C D u l-minuri.

Dr Marisa B ipprezentat ir-rapport tad-DNA fl-14 ta' Jannar 2015 (fol. 41) fejn ticcertifika illi l-konvenut C D huwa l-missier naturali tal-minuri E Lee B.

Ikkunsidrat.

**L-Azzjoni Attrici**.

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob illi ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid *de quo* u minflok il-kliem “unknown father” jitnizzel isem il-konvenut C D.

L-azzjoni attrici hija msejsa fuq l-**Artikolu 86A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jipprovdi illi:

*(1) L-omm ta’ iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f’kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta’ dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*

**Artikolu 70A tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

*(1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel - (a) il-missier jista’ jeħtieġ lill-omm u lit-tifel; (b) l-omm tista’ teħtieġ lill-missier u lit-tifel; (ċ) it-tifel jista’ jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat missier naturali jista’ jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.*

*(2) Meta jsir rikors minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi l-kunsens li ma ingħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun.*

*(3) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad it-talba sakemm il-kjarifika tirriżulta f’effett kontrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tat-tifel minuri, liema effett ma jkunx raġonevoli għal dak it-tifel minuri, ukoll meta wieħed jikkonsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika.*

**Arikolu 100A tal-Kap. 16:** '*F'kawzi li ghalihom jaghmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista' minghajr hsara ghal kull prova li jistghu jgibu l-partijiet skont il-ligi tehtieg lill-partijiet biex jissottomettu ghal examijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess cirkostanzi.*'

**Test tad-DNA**.

Fir-risposta guramentata tieghu il-konvenut D jaqbel illi ghandhom isiru t-testijiet xjentifici tad-DNA sabiex tigi stabbilita l-paternita' tal-minuri.

Dr Marisa B, nominata mill-Qorti sabiex tikkonduci t-testijiet xjentifici, ipprezentat ir-rapport tad-DNA li jiccertifika li l-konvenut C D huwa l-missier naturali tal-minuri.

Il-premessi tal-attrici li fuqhom hija msejsa l-kawza odjerna gew sodisfacentement ippruvati. M'hemmx dubju li l-konvenut huwa missier il-minuri.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tiddisponi mir-risposta tal-konvenut bil-mod kif ser tiddeciedi t-talbiet attrici:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri E Lee B huwa iben il-konvenut C D.

2. Tordna li l-att tat-twelid tal-minuri jigi emendat billi jigu kancellati l-kliem "unknown father" u minflok jitnizzel isem u kunjom il-konvenut C D u l-konnotati tieghu.

Bl-ispejjez jithallsu in kwantu nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut C D.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------